



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 38/16
Il-Lussemburgo, 12 ta' April 2016

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Dħul fil-kariga ta' Mħallfin ġodda fil-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea u fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Marzu 2016, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru bħala Mħallfin fil-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea, għall-perijodu bejn it-13 ta' April 2016 u l-31 ta' Awwissu 2016, lil Zoltán Csehi, Constantinos Iliopoulos, Anna Marcoulli, Nina Póltorak u Dean Spielmann. Leopoldo Calvo-Sotelo Ibáñez-Martín u Virgilijus Valančius inħatru bħala Mħallfin fil-Qorti Ĝeneralni għall-perijodu bejn it-13 ta' April 2016 u l-31 ta' Awwissu 2019.

Dawn il-ħatriet jirrappreżentaw l-ewwel stadju tal-implementazzjoni tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li tipprevedi żieda fin-numru tal-Imħallfin fil-Qorti Ġenerali u żvilupp fl-istruttura tal-istituzzjoni bit-trasferiment lill-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea tal-kompetenza sabiex taqta' fl-ewwel istanza t-tilwimiet fil-qasam tas-servizz pubbliku Ewropew u bix-xoljiment tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Marzu 2016, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ħatar lil Alexander Kornezov u João Sant'Anna bħala Mħallfin fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea, għall-perijodu bejn it-13 ta' April 2016 u d-data tat-trasferiment tal-kompetenza ta' dik il-qorti lill-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea.

Fit-13 ta' April 2016 ser tinżamm udjenza solenni fl-okkażjoni tat-teħid ta' ġurament u tad-dħul fil-kariga tal-Imħallfin il-ġodda.

Iċ-ċeremonja ser tixxandar diretta fit-13 ta' April 2016 fil-17.30 fuq is-sit segwenti:
<http://conference.connectedviews.com/Live.aspx?i=cdj>.

Curricula vitae tal-Imħallfin il-ġodda

Constantinos Iliopoulos

imwieded fl-1948; diploma fid-dritt mill-Università ta' Ateni (1971); diploma fix-xjenzi ekonomiċi (studji post-universitarji) mill-Università tal-ekonomija ta' Ateni (1974); aċċettat bħala membru tal-kamra tal-avukati ta' Ateni (1973); dottorat fid-dritt mill-Università ta' Hamburg (1984); avukat (1973-2016); professur tad-dritt ekonomiku internazzjonali u Ewropew (2007-2015) u professur fil-programm tal-master fid-dritt internazzjonali u fid-dritt Ewropew tal-enerġija (2015-2016) fil-fakultà tad-dritt tal-Università ta' Traċċa; assistent (1980-1984), lecturer (1992-2006) u professur mistieden (2015) fil-fakultà tad-dritt tal-Università ta' Hamburg; membru tal-kummissjoni tal-kompetizzjoni Ellenika (1992-2006); konsulent legali tal-Ministru għall-iżvilupp ekonomiku u għall-enerġija (2007-2009); konsulent legali maħtur mill-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru (2002-2003); membru tal-bord tad-diretturi taċ-ċentru għad-dritt internazzjonali u Ewropew ekonomiku ta' Thessaloniki (2005-2011); treżorier (1987-2000) u segretarju ġenerali (2000-2016) tal-assoċjazzjoni Ellenika għad-dritt Ewropew; membru fundatur u segretarju ġenerali tal-assoċjazzjoni Ellenika għad-dritt tal-enerġija

(2012-2016); viċi president tal-assoċjazzjoni Ġermaniża-Ellenika ta' ġuristi (Hamburg) (1987-2016); segretarju ġenerali tal-assoċjazzjoni Ellenika-Ġermaniża ta' ġuristi (Ateni) (1990-2016); awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-13 ta' April 2016.

Leopoldo Calvo-Sotelo Ibáñez-Martín

imwieleed fl-1957; diploma fid-dritt mill-Università Complutense ta' Madrid (1979) u master mill-Fletcher School of Law and Diplomacy tal-Università ta' Tufts (I-İstati Uniti) (1985); professor tad-dritt fl-Università CEU San Pablo (1985-1993); konsulent legali fil-Kunsill tal-Istat (1983-1996); segretarju Ġenerali tas-Center for the Advanced Study in the Social Sciences tal-Fondazzjoni Juan March (1991-1996); sottosegretarju fil-Ministeru tal-intern (1996-2001); ġurista ta' impriża (2001-2003); avukat (2004-2005); direttur tal-master fir-relazzjonijiet internazzjonali u professur tad-dritt fl-Instituto de Empresa (2007-2013); konsulent legali anzjan fil-Kunsill tal-Istat (2005-2016); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-13 ta' April 2016.

Dean Spielmann

imwieleed fl-1962; gradwat fid-dritt mill-Università Kattolika ta' Louvain (1988) u Master of Laws mill-Università ta' Cambridge (1990); assistent riċerkatur fl-Università Kattolika ta' Louvain (1991-1997); avukat fil-kamra tal-avukati ta' Lussemburgu (1989-2004); membru tal-kumitat tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt kriminali tal-Conseil des barreaux européens (CCBE) (2002-2004); membru tan-netwerk tal-Unjoni Ewropea ta' esperti indipendenti fil-qasam tad-drittijiet fundamentali (2002-2004); membru tal-kummissjoni konsultattiva tad-drittijiet tal-bniedem fil-Lussemburgu (2000-2004); imħallef (2004-2015), president ta' awla (2011-2012), viċi president (2012), u mbagħad president (2012-2015) tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; lecturer assoċjat fl-Università tal-Lussemburgu (1996-2006); lecturer fl-Università ta' Nancy 2 (1997-2009); membru tat-taqsim tax-xjenzi morali u politiċi fl-Institut grand-ducal (mill-2002); Honorary Fellow tal-Fitzwilliam College tal-Università ta' Cambridge (mill-2013); Honorary Bencher tal-Gray's Inn ta' Londra (mill-2013); professur onorarju fil-University College tal-Università ta' Londra (mill-2013); membru ta' kumitat xjentifiċi ta' diversi riviżti legali; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-13 ta' April 2016.

Virgilijus Valančius

imwieleed fl-1963; diploma fid-dritt mill-Università ta' Vilnius (1986); dottorat fid-dritt (2000); prosekutur fl-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku ta' Vilnius (1986-1990); imħallef (1991-1994) u viċi president (1993-1994) tal-qorti tal-ewwel istanza ta' Vilnius; imħallef u president tal-awla ċivili (1995-2002) tal-qorti tal-appell tal-Litwanja; imħallef (2002-2013) u president (2002-2008) tal-qorti amministrattiva suprema tal-Litwanja; lecturer fl-Università ta' Vilnius (1997) u fl-Università Mykolas Romeris (1998-2004); professur assoċjat (2004-2008), kap tad-dipartiment tal-proċedura ċivili (2002-2006) u lecturer anzjan (mill-2008) fl-Università Mykolas Romeris; president tal-assoċjazzjoni Ewropea tal-maġistrati (AEM) (2006-2008); viċi president tal-unjoni internazzjonali tal-maġistrati (UIM) (2006-2014); membru tal-kunsill konsultattiv tal-imħallfin Ewropej (CCJE) (2000-2014); membru tal-bord tad-diretturi tal-assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u tal-qratu amministrattivi supremi tal-Unjoni Ewropea (ACA-Europe) (2010-2013); membru tal-kumitat konsultattiv tal-akkademja tad-dritt Ewropew (ERA) (2008-2011); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-13 ta' April 2016.

Zoltán Csehi

imwiedel fl-1965; diploma fid-dritt mill-Università Loránd Eötvös ta' Budapest (1990), fl-istorja tal-arti (1992) u Master of Laws mill-Università ta' Heidelberg (1991); dottorat fid-dritt (2004); avukat fil-kamra tal-avukati ta' Budapest (1995-2016); professur assoċjat tad-dritt (1991-2005) u professur tad-dritt (2005-2016) fl-Università Loránd Eötvös; kap tad-dipartiment tad-dritt kummerċjali (2007-2013), u mbagħad kap tad-dipartiment tad-dritt privat u kummerċjali kif ukoll professur (2013-2016) fl-Università Kattolika Péter Pázmány ta' Budapest; professur mistieden fl-Università Kattolika ta' Lyon (2013-2016); arbitru fil-qorti tal-arbitraġġ permanenti affiljata mal-Borża Ungerija u arbitru *ad hoc* (2004-2016); Imħallef fil-Qorti Ĝeneralis mit-13 ta' April 2016.

Nina Póltorak

imwiedla fl-1971; diploma fid-dritt mill-Università Jagellonne ta' Kraków (1995); dottorat fid-dritt (2001); dottorat *cum laude* fix-xjenzi legali (2011); professur assoċjat (2003-2013) u mbagħad professur (mill-2013) fil-katedra tad-dritt tal-Unjoni Ewropea fl-Università Jagellonne; direttur ta' programmi ta' studji post-universitarji fid-dritt tal-Unjoni Ewropea fl-Università Jagellonne (2006-2013); akademika mistiedna fl-Università ta' Oxford (1998) u fl-istitut universitarju Ewropew ta' Firenze (2005); aċċettata bħala membru tal-kamra tal-avukati ta' Kraków (2000); konsulent legali (2000-2012); imħallef il-qorti amministrattiva tal-voiōodie (reġjun amministrattiv) ta' Kraków (2012-2016); ikkollokata mal-qorti suprema amministrattiva tar-Repubblika tal-Polonia (2014-2016); direttur tad-dipartiment tad-dritt Ewropew tal-qorti suprema amministrattiva (2013-2016); awtriċi ta' diversi pubblikazzjonijiet dwar id-dritt Ewropew; Imħallef fil-Qorti Ĝeneralis mit-13 ta' April 2016.

Anna Marcoulli

imwiedla fl-1974; diploma fid-dritt mill-Università ta' East Anglia (1995) u Master of Laws mill-Università ta' Bristol (1996); aċċettata bħala membru tal-kamra tal-avukati ta' Ċipru (1997); membru tas-servizz legali tar-Repubblika ta' Ċipru, assenjata mad-dipartiment tad-dritt tal-Unjoni Ewropea (1998-2008); espert nazzjonali kkollokat mad-diviżjoni "Riċerka u dokumentazzjoni" tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (2005-2007); konsulent legali tal-presidenza Ċiprijotta tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2012); membru tas-servizz legali tal-Kummissjoni Ewropea (2008-2016); Imħallef fil-Qorti Ĝeneralis mit-13 ta' April 2016.

João Sant'Anna

imwiedel fl-1957; diploma fid-dritt mill-Università Klassika ta' Lisbona (1980); osservatur tad-dritt amministrattiv fl-Università Klassika ta' Lisbona (1979-1980); studji fil-qasam tal-proprjetà industrijali fl-Institut Max-Planck ta' München (1982-1984); amministratur u mbagħad kap ta' diviżjoni fil-Ministeru tal-intern (1980-1986); avukat fil-kamra tal-avukati ta' Lisbona (1981-1986); fi ħdan il-Parlament Ewropew, amministratur fid-Direttorat Ĝeneralis tal-informazzjoni u tar-relazzjonijiet pubbliċi (1986-1987), fid-Direttorat Ĝeneralis tar-riċerka u tal-istudji (1987-1992), fid-Direttorat Ĝeneralis tal-persunal, tal-baġit u tal-finanzi (1992-1996) u fis-servizz legali (1996-2000); kap tad-dipartiment amministrattiv u finanzjarju (2000-2007) u mbagħad direttur tad-dipartiment legali (2007-2011) u tad-Direttorat A (2012-2016) mal-Ombudsman Ewropew; Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mit-13 ta' April 2016.

Alexander Kornezov

imwiedel fl-1978; diploma fid-dritt mill-Università Saint-Clément d'Ohrid ta' Sofia (2002) u LL.M fid-dritt Ewropew tal-Collège d'Europe ta' Bruges (2004); dottorat fid-dritt (2008); avukat fil-kamra tal-

avukati ta' Brussell (2004-2006); lecturer anzjan fid-dritt proċedurali tal-Unjoni Ewropea fl-Universitāt tal-ekonomija nazzjonali u dinjija ta' Sofia (2008-2012) u fl-Universitāt Saint-Clément d'Ohrid ta' Sofia (2010-2013); professur assoċjat tad-dritt tal-Unjoni Ewropew u tad-dritt internazzjonali privat fl-akkademja Bulgara tax-xjenzi (mill-2014); lecturer mistieden fl-Universitāt ta' Cambridge u fl-Universitāt Kattolika ta' Louvain; référendaire mal-Qorti tal-Ġustizzja (2007-2016); fundatur u membru tal-kumitat tat-tmexxija tal-assoċjazzjoni Bulgara għad-dritt Ewropew; editur prinċipali tal-ġurnal tad-dritt Ewropew Eropeiski praven pregħed; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet fil-qasam tad-dritt Ewropew; Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mit-13 ta' April 2016.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell  (+352) 4303 3355